# Beati u Qaddisin...Dicembru

## Beatu Onorato (Venceslaw) Kazminski, Kappuccin 16 ta' Dicembru

Qabel ma dahal kappuccin kienu jsehulu Venceslaw. Twieled gewwa Biala Podlaska fis-16 ta' Ottubru 1829. L-ewwel edukazzjoni tieghu hadha mill-familja u kompla l-istudju tieghu primarju gewwa Plock. Minhabba li kellu xewqa li jkompli bhala perit hu mar gewwa Varsavia biex jistudja l-arkittetura.




Gie arrestat fis-sena 1846 mill-pulizija zarista, ghaliex waqa' fuqu suspett li kien jaghmel parti minn socjeta' politika. Huwa ghadda sena maqful il-habs, minn fejn ha l-marda ta' tifu. Kien qed jibza' li minn mument ghal iehor ikun ikkundannat ghall-mewt. F'dan iz-zmien ta' nuqqas ta' liberta' dahal dahla fih innifsu u mill-gdid sab lil Alla. Il-krizi religjuza kien issuperaha.

Meta gie f'tieghu huwa talab li jidhol jaghmel parti mill-ordni tal-Kappucini Minuri f' Varsavja. Fis-27 ta' Dicembru huwa gie ordnat sacerdot. Hajtu kienet kollha kemm hi impenn pastorali. Ghall-habsin kien ta' konfort liema bhalu meta kien

izurhom. Ghalkemm kienet haga difficli ghalih li jahdem bil-miftuh ghal Kristu fost il-poplu, ghaliex il-qawwa zarista abolit l-ordnijiet religjuzi, huwa gharaf ikompli jxerred il-valuri evangelici billi waqqaf istituti u organizzazjonijiet religjuzi u jsahhah il-membri taghhom. Dawn minn naha taghhom kienu jservu ta' hmira religjuza ghal ta' madwarhom. Irnexxilu jwaqqaf 26 istitut religjuz li minnhom 18 ghadhom jezistu sal-lum. Din il-hidma tieghu kienet imsejsa fuq id-devozzjoni li huwa kellu lejn Marija Ssma. Dawn l-istituti gew approvati mis-Santa Sede fil-21 ta' Gunju 1889.

Minhabba li sahhtu hallietu huwa kien jinqeda bil-kitba. Kien kittieb ta' hila kbira b'kitba mimlija gherf spiritwali; ghamilha ta' direttur spiritwali u kien konfessur imfittex hafna. Madwar 4000 ittra kollha miktuba minn idejh ghadhom jezistu fl-arkivju ta' Varsavja flimkiem ma enciklopedija marjana u djarju spiritwali. Miet gewwa Nowe Miasto fis-16 ta' Dicembru 1916. Gie bbejatifikat minn Giovanni Pawlu II fis-16 ta' Ottubru 1988.